

Brussell, 14 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

8884/21

SOC 287
EMPL 211
GENDER 34
ANTIDISCRIM 31
SAN 303

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: ST 8878/21	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Impatt Soċjoekonomiku tal-COVID-19 fuq l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq approvati mill-Kunsill EPSCO fil-laqgħa tiegħu li saret fl-14 ta' Ġunju 2021.

L-Impatt Soċjoekonomiku tal-COVID-19 fuq l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri

Konklużjonijiet tal-Kunsill

FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI LI

1. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-bniedem huma fil-qalba tal-valuri Ewropej. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea, imnaqqax fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li wassal u li għandu jibqa' jwassal biex l-Istati Membri jagħmlu sforz biex jipprevjenu, jindirizzaw u jimmonitorjaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, inkluż f'dak li għandu x'jaqsam mad-distribuzzjoni tar-riskji u tal-benefiċċji maħluqa minn żviluppi soċjali u ekonomiċi wiesgħa.

FILWAQT LI JIEĦU NOTA TA'

2. In-Nota ta' Riċerka tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) bit-titolu "Gender Equality and the Socio-Economic Impact of COVID-19"¹ (L-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Impatt Soċjoekonomiku tal-COVID-19).
3. L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) dwar "It-telexogħol u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri – kundizzjonijiet sabiex it-telexogħol ma jaggravax id-distribuzzjoni inugwali bejn in-nisa u l-irġiel fir-rigward tal-kura domestika u tax-xogħol domestiku mhux imħallsin u sabiex jixpruna l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri."
4. Ir-Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew bit-titolu "Il-perspettiva tal-ġeneru fil-kriżi tal-COVID-19 u fil-perjodu ta' wara l-kriżi".

¹ 8878/21 ADD 1.

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA LI

5. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri ta' konteniment qed iħallu effetti soċjoekonomiċi negattivi serji kemm fuq in-nisa kif ukoll fuq l-irġiel. Madankollu, in-nisa huma affettwati b'mod sproporzjonat b'riżultat tal-inugwaljanzi strutturali bejn il-ġeneri li kienu jeżistu qabel fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà kollha kemm hi.
6. Is-sessiżmu u l-isterjotipi marbuta mal-ġeneru b'għerq fil-fond, kif ukoll in-normi soċjali u l-ostakli marbuta magħhom fil-livell istituzzjonali u dak strutturali, jikkawżaw żvantaġġi serji fit-tul għan-nisa fil-kuntest tas-suq tax-xogħol. Dawn il-problemi huma aggravati mill-kriżi tal-COVID-19, billi din qed tipperikola l-avvanzi li saru s'issa fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u għandhom konsegwenzi negattivi għas-soċjetà kollha kemm hi, billi fost l-oħrajn ifixxlu t-tkabbir sostenibbli. Min-naħa l-oħra, billi tissensibilizza aktar dwar il-problemi strutturali, il-kriżi tista' ssir ukoll forza oħra għall-bidla meħtieġa.
7. Filwaqt li l-kriżi kellha effetti negattivi, b'modi differenti, kemm fuq in-nisa kif ukoll fuq l-irġiel, l-inugwaljanza persistenti bejn il-ġeneri fil-forma ta' segregazzjoni orizzontali ssarrfet frappreżentanza żejda tan-nisa f'setturi speċifiċi li ħafna minnhom, bħas-setturi tas-saħħa u tal-kura, kif ukoll tal-bejgħ bl-imnut u l-ospitalità, intlaqtu ħafna mill-kriżi.

8. Matul it-tifqigħa tal-COVID-19, in-nisa b'impjiegi kategorizzati b'ħala essenzjali kienu fuq quddiem nett tal-ġlieda kontra l-pandemija, fejn huwa stmat li n-nisa jirrappreżentaw bejn 76 % u 95 % tal-ħaddiema fil-kura tas-saħħa, tal-ħaddiema fil-kura personali fid-djar jew fl-istituzzjonijiet, tal-ġhalliema u tal-ħaddiema fl-indukrar tat-tfal, tal-ħaddiema fit-tindif tad-djar u fl-ġhajjnuna domestika, u tal-ħaddiema li jieħdu ħsieb anzjani u persuni b'dizabilità². Waqt li s-sitwazzjoni tvarja minn Stat Membru għal ieħor, f'ħafna każijiet dan kien ifisser li n-nisa li jaħdmu f'dawn l-okkupazzjonijiet huma friskju akbar li jimirdu bil-COVID-19, u li jkollhom livelli oġhla ta' tensjoni rappurtata, piż tax-xogħol akbar u ħinijiet tax-xogħol itwal, u diffikultajiet marbuta mar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol mal-familja u mal-ħajja privata. Sadanittant, ħafna minn dawn l-okkupazzjonijiet għadhom mhux imħallsa biżżejjed meta mqabbla ma' xogħol ta' valur ugwali f'setturi oħra, u huma kkaratterizzati minn kondizzjonijiet ta' impjieg prekarji. Il-kriżi tal-COVID-19 uriet b'mod ċar sa liema punt is-soċjetà u l-ekonomija jiddependu fuq dawn is-setturi u li dawn kienu sottovalutati. L-evidenza turi wkoll li l-pandemija aggravat il-vjolenza, u l-fastidju u l-istigmatizzazzjoni tal-ħaddiema tas-saħħa³.
9. Barra minn hekk, in-nisa huma rappreżentati żżejjed f'setturi ekonomiċi li ntlawtqum ħażin mill-konfinament, u spiss jaħdmu f'impjieg temporanju, part-time jew prekarju. Fost daww milquta l-aġħar, is-sehem tan-nisa żgħażaġħ disponibbli għax-xogħol iżda li mhux qed ifittxuh żdied konsiderevolment (+6 pp meta mqabbel mal-2019⁴) u r-rata tal-impjieg fost in-nisa migranti mwielda f'pajjiż mhux tal-UE naqset għal 50 %⁵. In-nisa b'livell baxx ta' edukazzjoni, b'mod partikolari, tħallew lura fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, mal-ewwel mewġa tal-pandemija, in-nisa rreġistraw tnaqqis ġenerali oġhla fit-total ta' siġħat maħduma fix-xogħol ewlieni tagħhom⁶ u għaddew mill-qgħad għall-inattività aktar ta' spiss mill-irġiel⁷. Madankollu, is-sitwazzjonijiet u d-data disponibbli jvarjaw bejn l-Istati Membri, u f'xi każijiet għad hemm il-ħtieġa għal aktar data diżaggregata skont is-sess.

² <https://eige.europa.eu/covid-19-and-gender-equality/essential-workers>

³ Ara n-Nota ta' Riċerka mill-EIGE (8878/21 ADD 1, p. 29).

⁴ Ara n-Nota ta' Riċerka mill-EIGE (8878/21 ADD 1, p. 20).

⁵ Ara n-Nota ta' Riċerka mill-EIGE (8878/21 ADD 1, p. 12).

⁶ Ara n-Nota ta' Riċerka mill-EIGE (8878/21 ADD 1, p. 14).

⁷ Ara n-Nota ta' Riċerka mill-EIGE (8878/21 ADD 1, p. 17).

10. L-impjiegi mitlufa fil-bejgħ bl-imnut, l-akkomodazzjoni, il-kura residenzjali, ix-xogħol domestiku u l-manifattura tal-ħwejjeġ ammontaw għal 40 % tal-impjiegi kollha tan-nisa mitlufa matul l-ewwel mewġa tal-pandemija tal-COVID-19⁸. Is-servizzi domestiċi u tal-kura fid-djar (b'seħem ta' 89 % tan-nisa) irreġistraw tnaqqis ta' 18 % fl-impjiegi⁹. Il-miżuri inizjali tal-pandemija u ta' konteniment kellhom impatt konsiderevoli fuq il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom, kif ukoll dawġ temporanji u part-time, fejn fosthom in-nisa ġarrbu telf sinifikanti ta' impjiegi: in-nisa ammontaw għal 69 % tat-telf irreġistrat fost il-ħaddiema part-time, u għal 48 % tat-telf f'xogħol temporanju; Min-naħa l-oħra, għalkemm inqas rappreżentati f'dan il-grupp, in-nisa xorta waħda kienu jirrappreżentaw 34 % tat-telf irreġistrat fost dawġ li jaħdmu għal rashom¹⁰. Barra minn hekk, l-irkupru fl-impjiegi fis-sajf tal-2020 kien aktar b'saħħtu fost l-irġiel milli fost in-nisa¹¹.
11. Id-differenza diġitali bejn il-ġeneri għandha r-riskju li tillimita l-opportunitajiet u l-kapaċità individwali tan-nisa li jwieġbu għad-domandi li qed ifiġġu bl-użu akbar tat-telexogħol mhux biss matul il-kriżi attwali iżda wkoll fil-futur. Bħala medja, meta mqabbla mal-irġiel in-nisa għandhom anqas aċċess għat-teknoloġiji diġitali, huma anqas esposti għalihom u għandhom anqas esperjenza fl-użu tagħhom. Dan jikkonċerna partikolarment lin-nisa ta' età 'l fuq minn 54 sena, li għandhom lakuni persistenti fil-ħiliet diġitali, fosthom speċjalment ħiliet diġitali aktar avvanzati¹². L-implimentazzjoni kontinwa tat-telexogħol fid-dinja tax-xogħol tal-ġejjieni trid tiżgura infrastruttura u konnessjonijiet diġitali għal kulħadd, u t-tisħiħ tal-ħiliet diġitali, b'attenzjoni speċjali għan-nisa, sabiex tindirizza kwalunkwe forma ta' firda diġitali abbażi tal-ġeneru¹³.
12. Hemm ħjiel li aktar nisa qed jagħżlu okkupazzjonijiet dominati mill-irġiel, bħal impjiegi fl-ICT – qasam li wera żieda sinifikanti fl-impjiegi fis-sena għat-tieni trimestru tal-2020. Madankollu, in-nisa għandhom mhumieħ rappreżentati biżżejjed f'dan il-qasam. Pereżempju, in-nisa ammontaw għal 28 % biss taż-żieda fl-impjiegi fl-ipprogrammar tal-kompjuter, il-konsulenza u attivitajiet relatati¹⁴.

⁸ Ara n-Nota ta' Riċerka mill-EIGE (8878/21 ADD 1, p. 23).

⁹ Ara n-Nota ta' Riċerka mill-EIGE (8878/21 ADD 1, p. 21).

¹⁰ Ara n-Nota ta' Riċerka mill-EIGE (8878/21 ADD 1, p. 26).

¹¹ Ara n-Nota ta' Riċerka mill-EIGE (8878/21 ADD 1, pp 11, 16).

¹² Ara n-Nota ta' Riċerka mill-EIGE (8878/21 ADD 1, pp. 35-36).

¹³ Ara l-Opinjoni tal-KESE, 1.6.

¹⁴ Ara n-Nota ta' Riċerka mill-EIGE (8878/21 ADD 1, pp. 23-24).

13. F'ħafna Stati Membri, in-nisa kienu affettwati aktar mill-irġiel mit-tnaqqis fil-livelli tas-salarji fl-ewwel nofs tal-2020,¹⁵ bir-riskju li jiżdied l-iżbilanċ diġà sinifikanti bejn il-ġeneri fl-introjtu mill-pensjonijiet u l-kwalità tal-ħajja wara l-irtirar¹⁶. Aktar nisa milli rġiel jinsabu fuq liv imħallas għall-mard jew għall-kura jew qed jirċievu assistenza għall-ispejjeż tal-ġhajxien jew għall-bżonnijiet tal-unità domestika, filwaqt li aktar irġiel milli nisa qed jirċievu benefiċċji tal-qgħad jew appoġġ għall-paga — li normalment ikunu oġhla. Matul il-kriżi, aktar nisa, speċjalment nisa fl-età tax-xogħol, irrappurtaw diffikultajiet finanzjarji, li jvarjaw fis-severità minn nuqqas ta' kapacià li jżommu l-istandard tal-ġhajxien tagħhom sa inabbiltà biex ilaħħqu mal-ħajja.
14. L-inugwaljanza persistenti bejn il-ġeneri fil-forma tat-tqassim mhux indaqs tal-kompiti domestiċi u ta' kura fl-unità domestika fissret li n-nisa kellhom jerfgħu sehem sproporzjonat mix-xogħol mhux imħallas li żdied matul il-kriżi tal-COVID-19 wara t-tnaqqis fil-provvista ta' servizzi ta' kura, l-ġheluq tal-iskejjel u l-bżonnijiet tal-edukazzjoni online, iż-żieda fil-faċendi tas-soltu tad-dar u n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' servizzi domestiċi esterni, u n-nuqqas ta' aċċess għal ġhajnuna informali¹⁷. L-inugwaljanza sistemika fil-pagi ġġenerat ukoll disparitajiet bejn il-ġeneri f'xi Stati Membri fl-użu ta' liv relatat mal-familja matul il-pandemija, fejn aktar nisa milli rġiel hađu dan il-liv. Dawn l-iżbilanċi għandhom impatt potenzjalment ta' ħsara fuq il-benessri tan-nisa u l-prospetti fit-tul tas-suq tax-xogħol u tal-iżvilupp tal-karriera u għandhom ir-riskju li jsaħħu r-rwoli sterjotipiċi tas-sessi. Ir-responsabbiltajiet ta' kura jaqgħu fuq in-nisa aktar ta' sikwit, fatt li diġà kien fost ir-raġunijiet ewlenin għall-inattività tan-nisa anke qabel il-kriżi.

¹⁵ ILO (2020), Global Wage Report 2020-2021 (Ir-Rapport 2020-2021 dwar il-Pagi fid-Dinja).

¹⁶ Eurofound (2020), Women and labour market equality: Has COVID-19 rolled back recent gains? (In-nisa u l-ugwaljanza fis-suq tax-xogħol: Il-COVID-19 reġġgħet lura l-kisbiet reċenti?), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

¹⁷ Ara n-Nota ta' Riċerka mill-EIGE (8878/21 ADD 1, p. 50).

15. Matul l-ewwel mewġa tal-pandemija tal-COVID-19, għalkemm l-irġiel żiedu l-involvement tagħhom f'xogħol ta' kura mhux imħallas, in-nisa xorta qattgħu aktar sigħat mill-irġiel jieħdu ħsieb u jedukaw lit-tfal/neputijiet tagħhom (12.6-il siegħa fil-ġimgħa, imqabbla ma' 7.8 għall-irġiel) u jieħdu ħsieb qraba anzjani jew qraba b'diżabilità (4.5 sigħat fil-ġimgħa, imqabbla ma' 2.8 għall-irġiel), kif ukoll fit-tisjir u fix-xogħol tad-dar (18.4-il siegħa fil-ġimgħa, imqabbla ma' 12.1 għall-irġiel)¹⁸. L-għeluq temporanju tal-iskejjel u tas-servizzi ta' indukrar tat-tfal matul il-perijodi ta' konfinament żied il-ħin u l-isforz iddedikati għat-tfal, speċjalment għal nisa impjegati bi tfal taħt it-12-il sena li rrapportaw li qattgħu madwar 54 siegħa fil-ġimgħa fuq l-indukrar tat-tfal, meta mqabbla ma' 32 siegħa għall-irġiel impjegati (sajf 2020)¹⁹. Barra minn hekk, aktar nisa milli rġiel irrappurtaw li b'mod ġenerali li l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata mar għall-agħar, fost l-oħrajn għax sabuha aktar diffiċli li jikkonċentraw fuq xogħolhom minħabba r-responsabbiltajiet tal-familja kif ukoll għax ħassew li ma setgħux jiddedikaw ħin għall-familja u ħassewhom aktar għajjiena wara x-xogħol meta jagħmlu wkoll ix-xogħol tad-dar. L-ommijiet kienu aktar involuti fit-tagħlim skolastiku online li żied il-pressjoni fuqhom. Pressjonijiet partikolari jinħassu minn ġenituri waħedhom, l-aktar nisa, li ma jistgħux jaqsmu r-responsabbiltajiet ta' kura li jkollhom u ġeneralment ikollhom anqas riżorsi finanzjarji, minn nisa u rġiel li jaħdmu f'impjiegi klassifikati bħala essenzjali u li ma jistgħux joqogħdu d-dar jieħdu ħsieb it-tfal, kif ukoll minn teleħaddiema, speċjalment dawk bi tfal żgħar, li l-produttività tagħhom tiġi affettwata minn kompiti simultanji u interruzzjonijiet, iżjed xogħol u piż mentali akbar²⁰.
16. Fil-fatt, evidenza miġbura matul il-pandemija turi li l-arranġamenti flessibbli tax-xogħol u t-telexogħol, u partikolarment ix-xogħol ibbażat id-dar, jistgħu biss jiffaċilitaw il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u jikkontribwixxu għal aktar ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol jekk magħhom jittieħdu miżuri għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u politiki u Prattiki organizzazzjonali favur il-familja, u sakemm jiġu mħarsa s-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema.

¹⁸ Ara n-Nota ta' Riċerka mill-EIGE (8878/21 ADD 1, p. 43).

¹⁹ Ara n-Nota ta' Riċerka mill-EIGE (8878/21 ADD 1, p. 45).

²⁰ Ara n-Nota ta' Riċerka mill-EIGE (8878/21 ADD 1, pp. 48-49).

17. Tħassib ċar għall-futur tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ifeġġ b'rabta max-xejra li t-telexogħol jintuża bħala għodda li tiffaċilita r-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol, il-familja u l-ħajja privata (li tista' tispjega s-sehem ikbar tan-nisa milli tal-irġiel li jaħdmu mid-dar fuq bażi regolari) u l-istima li ħierġa li 45 % tan-nisa (meta mqabbla ma' 30 % tal-irġiel) qegħdin f'okkupazzjonijiet possibbli bit-telexogħol²¹. Għalhekk hemm il-ħtieġa li jiġu indirizzati ċerti riskji assoċjati mat-telexogħol li ġew żvelati mill-kriżi tal-COVID-19, fosthom ir-riskju li t-telexogħol isir alternattiva femminizzata²² għal xogħol ibbażat fl-uffiċċju; ir-riskju ta' żieda fl-ammont ta' xogħol mhux imħallas imwettaq min-nisa,²³ li jista' jsaħħaħ ir-rwoli stereotipiċi tas-sessi, inkluż ix-xogħol tad-dar u l-kura; ir-riskju li tiżdied l-intensità tax-xogħol u li l-limiti bejn ix-xogħol imħallas u l-ħajja privata jiċċajpru; ir-riskju li tonqos il-viżibbiltà tan-nisa fil-komunità tax-xogħol u li jiġi mfixkel l-avvanz fil-karriera tan-nisa; u r-riskju taż-żieda fil-vjolenza u l-fastidju online kontra n-nisa.
18. Sadanittant, il-kriżi attwali toffri wkoll opportunità għal riflessjoni dwar ir-regoli u l-prattika fil-qasam tat-telexogħol, inkluż fi djalogo mas-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati oħra, bil-ħsieb li jitfasslu u jiġu implimentati arranġamenti flessibbli u sani tax-xogħol li jiffaċilitaw, fost l-oħrajn, ir-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol, il-familja u l-ħajja privata.
19. Ħafna mill-fatturi li jiskattaw jew jipperpetwaw il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet ġew aggravati bil-miżuri preventivi ta' konfinament, ċirkostanzi soċjoekonomiċi li marru għall-aġġar, u t-telf ta' impjiegi. Data emerġenti f'ħafna Stati Membri tindika li l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-vjolenza domestika, il-vjolenza mis-sieħeb intimu, u forom oħra ta' vjolenza u fastidju żdiedu matul il-pandemija, kemm offline kif ukoll online. Dan jirrappreżenta ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u ostaklu għall-parteciċipazzjoni sħiħa tan-nisa u l-bniet fl-oqsma kollha tal-ħajja. Għalhekk hija meħtieġa azzjoni koordinata mill-atturi rilevanti kollha biex tiġi miġġielda din il-problema, inkluż miżuri li jippromwovu u jappoġġaw l-emanċipazzjoni ekonomika u l-indipendenza tan-nisa, li jistgħu jgħinuhom jaħarbu minn sitwazzjonijiet ta' vjolenza.

²¹ Ara n-Nota ta' Riċerka mill-EIGE (8878/21 ADD 1, p. 32).

²² Ara n-Nota ta' Riċerka mill-EIGE (8878/21 ADD 1, pp 48, 63) u l-Opinjoni tal-KESE, 1.1.

²³ Ara l-Opinjoni tal-KESE, 1.1.

20. Matul il-kriżi tal-COVID-19 ġie osservat ukoll li l-irġiel kellhom sehem akbar fix-xogħol ta' kura u dak domestiku mhux imħallsa – pereżempju, fejn il-missirijiet kienu qed jaħdmu mid-dar jew l-irġiel ikkontribwew għal kompiti ta' kura billi n-nisa kienu impjegati f'impjiegi kklassifikati bħala essenzjali. Madankollu, biex isiru l-bidliet dejjiema jeħtieġ li jingħelbu l-attitudnijiet persistenti lejn ir-rwoli sterjotipiċi tas-sessi, is-sessiżmu u l-iżbilanċi fil-qligħ, u jeħtieġ ukoll li jittieħdu passi li jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw it-tqassim ta' xogħol imħallas u xogħol ta' kura mhux imħallas fuq bażi uguali bejn in-nisa u l-irġiel²⁴.
21. Fl-aħħar nett, l-inugwaljanza persistenti bejn il-ġeneri fil-forma ta' segregazzjoni vertikali fissret li n-nisa baqgħu sottorappreżentati fit-teħid tad-deċiżjonijiet matul il-kriżi u fit-tfassil ta' miżuri ta' rkupru.
22. Għalkemm fl-UE n-nisa jiffurmaw il-maġġoranza tal-professjonisti tas-saħħa u huma fuq quddiem nett tal-ġlieda kontra l-pandemija, huma mhumieq rappreżentati biżżejjed fit-tmexxija u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fis-settur tal-kura tas-saħħa²⁵. Barra minn hekk, huma biss 3.5 % mill-115-il task force identifikati minn madwar id-dinja għat-teħid tad-deċiżjonijiet u ta' esperti tal-COVID-19 li għandhom parità bejn il-ġeneri fost il-membri tagħhom, waqt li f'85.2 % tal-każijiet għandhom maġġoranza ta' rġiel²⁶.
23. Hemm riskju li n-nisa ma jibbenefikawx indaqs mill-miżuri ta' rikostruzzjoni wara l-kriżi, pereżempju, jekk dawk il-miżuri jiffokaw fuq setturi tal-ekonomija ddominati mill-irġiel, u ma jkunx fihom dispożizzjonijiet speċifiċi bil-mira li jinkludu n-nisa u l-bniet, jew jekk dawk il-miżuri jiffokaw biss fuq ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom matul il-kriżi, u jittraskuraw lil dawk li diġà kienu esklużi mis-suq tax-xogħol qabel il-kriżi.

²⁴ Ara n-Nota ta' Riċerka mill-EIGE (8878/21 ADD 1, pp. 43-44).

²⁵ OECD (2020), Women at the core of the fight against Covid-19 crisis (In-nisa fl-eqgħel tal-ġlieda kontra l-kriżi tal-COVID-19), Ir-rispons tal-politiki tal-OECD għall-Coronavirus (COVID-19). Verżjoni tal-1 ta' April 2020.

²⁶ Van Daalen, K.R., Bajnoczki, C., Chowdhury., M., et al. (2020), Symptoms of a broken system: the gender gaps in Covid-19 decisionmaking (Is-sintomi ta' sistema difettuża: id-disparità bejn il-ġeneri fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-COVID-19), BMJ Global Health.

24. Fid-dawl tal-impatti diġà identifikati u li għadhom qed ifiġġu tal-kriżi tal-COVID-19 fuq in-nisa, issa hemm hteġa urġenti li tiġi integrata perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'miżuri ta' emerġenza fuq terminu qasir u ta' rikostruzzjoni fit-tul kif ukoll il-hteġa li tiġi żgurata rappreżentanza bbilanċjata tan-nisa u l-irġiel fil-ġestjoni tal-kriżi tal-COVID-19, sabiex fost l-oħrajn jiġi evitat li l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri li kienu jeżistu qabel ikomplu jiggravaw u biex jiġi żgurat li ma jintilfux il-kisbiet li saru qabel.
25. Din hija prekundizzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017, li fih l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata huma affermati fil-Prinċipji 2 u 9 rispettivament. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jippreżenta għadd ta' inizjattivi biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiġi promoss il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u jipproponi l-mira li d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi titnaqqas mill-inqas bin-nofs sal-2030.
26. L-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa tħabbar firxa ta' azzjonijiet biex jiġi żgurat li l-bniet u n-nisa jkunu preżenti daqs is-subien u l-irġiel fl-istudji tal-ICT, u li jieħdu sehem indaqs fl-iżvilupp ta' ħiliet intraprenditorjali u diġitali.
27. Skont l-Istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, "ż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol għandha impatt qawwi u pożittiv fuq l-ekonomija, b'mod partikolari fil-kuntest ta' forza tax-xogħol li qed tiċkien u nuqqas ta' ħiliet. Dan jagħti wkoll is-setgħa lin-nisa biex isawru l-ħajja tagħhom stess, ikollhom rwol fil-ħajja pubblika u jkunu ekonomikament indipendenti."
28. Dawn il-Konklużjonijiet jibnu fuq hídma preċedenti u impenji politiċi espressi mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u partijiet ikkonċernati rilevanti f'dan il-qasam, inkluż fid-dokumenti elenkati fl-Anness.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

JISTIENEN LILL-ISTATI MEMBRI, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom u b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali u b'rispett għar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali:

29. Jiżguraw li l-Pjanijiet nazzjonali ta' Rikupru u Reżiljenza²⁷ jirrispettaw l-impenn meħud għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, f'konformità mal-Prinċipji 2 u 3 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 5 tan-NU u, fejn rilevanti, mal-istrateġija nazzjonali għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
30. Għal dan il-għan, jużaw metodi u għodod speċifiċi ta' analiżi ta' kwistjonijiet tal-ġeneri (pereżempju valutazzjoni tal-impatt fuq il-ġeneri, data ta' kwalità diżaggregata skont il-ġeneru u indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi rilevanti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri) u analiżi intersezzjonali fis-setturi kollha, filwaqt li jevitaw kwalunkwe piż amministrattiv bla bżonn.
31. L-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fir-regolamenti u l-istrumenti nazzjonali li jimplimentaw il-fondi strutturali Ewropej, u l-monitoraġġ tal-impatti fuq in-nisa u l-irġiel kif applikabbli.

²⁷ Ara r-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, Artikolu 18(4)(o).

32. Jippromwovu u jintegraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' rkupru, fis-setturi kollha u abbażi ta' data eżistenti dwar l-impatti skont il-ġeneru tal-pandemija tal-COVID-19, waqt li jitqiesu l-intersezzjonalità u d-diskriminazzjoni multipla. Il-miżuri nazzjonali rilevanti jistgħu jinkludu, pereżempju:
- a) Miżuri b'appoġġ ta' ħaddiema f'setturi milquta ħażin bħall-bejgħ bl-imnut, l-ospitalità u t-turiżmu li jindirizzaw il-ħtiġijiet partikolari tan-nisa, fosthom nisa b'livell baxx ta' edukazzjoni, nisa b'siġħat ta' xogħol imnaqqsa, nisa li qed jisfaw inattivi, u nisa qiegħda, speċjalment in-nisa żgħażaġh qiegħda u n-nisa migranti qiegħda, b'attenzjoni speċjali fuq l-aspetti bħat-tibdil fis-suq tax-xogħol, bħat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol, u l-intraprenditorija.
 - b) Miżuri li jiżguraw aċċess ugwali għall-appoġġ lill-persuni qiegħda li kienu diġà esklużi mis-suq tax-xogħol qabel il-kriżi tal-COVID-19 biex isibu impjieg jew taħriġ.
 - c) Miżuri biex jissaħħaħ l-istatus ta' ħaddiema essenzjali, inkluż ħaddiema f'impjegi u setturi marbuta mas-saħħa u mal-kura, li ta' spiss għandhom paga baxxa, u li l-importanza fundamentali tagħhom saret evidenti matul il-kriżi tal-COVID-19, b'attenzjoni partikolari fuq aspetti bħall-paġi ġusti, opportunitajiet għall-iżvilupp tal-karriera, l-aċċess għas-sigurtà soċjali u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.
 - d) Miżuri biex jiġi indirizzat ix-xogħol mhux iddikjarat u biex tittejjeb is-sitwazzjoni tal-impjegi u l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema domestiċi, b'attenzjoni partikolari għall-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien tal-ħafna nisa migranti li jaħdmu f'dan is-settur.
 - e) Miżuri għall-promozzjoni ta' adozzjoni aktar ibbilanċjata bejn il-ġeneri min-nisa u l-irġiel ta' miżuri ta' appoġġ marbuta mal-kriżi għal dawk li jagħtu l-kura.

- f) Miżuri biex jitlejbu l-infrastruttura, il-faċilitajiet u s-servizzi tal-kura pubblika, inkluż is-servizzi esternalizzati.
 - g) Miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż il-vjolenza mis-sieħeb intimu, il-vjolenza domestika u l-vjolenza online, anke permezz ta' servizzi ta' appoġġ mogħti lill-vittmi.
 - h) Miżuri li jippromwovu l-inklużjoni tan-nisa u l-bniet f'opportunitajiet ta' impjieg jew taħriġ f'setturi tradizzjonalment iddominati mill-irġiel, bħall-oqsma STEM²⁸, inkluż speċjalment l-ICT.
33. Jindirizzaw attivament ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata għan-nisa u għall-irġiel permezz ta' miżuri bħal dawn li ġejjin:
- a) Miżuri li jiżguraw li l-ħaddiema kollha, inkluż it-teleħaddiema, ikollhom l-istess opportunitajiet għall-avvanz fil-karriera, inkluż aċċess ugwali għal pożizzjonijiet ta' tmexxija u ta' teħid ta' deċiżjonijiet.
 - b) Miżuri li jippromwovu t-tqassim indaqs ta' xogħol imħallas u ta' xogħol ta' kura u xogħol domestiku mhux imħallas bejn in-nisa u l-irġiel, inkluż inċentivi għall-irġiel biex jinvolvu ruħhom aktar f'xogħol ta' kura mhux imħallas.
 - c) Miżuri biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni fil-pront u effiċjenti tad-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata, b'kont meħud tat-tħassib li jirriżulta mill-kriżi tal-COVID-19.
 - d) L-investiment fl-infrastruttura diġitali u l-konnessjonijiet għal kulħadd, inkluż, fejn rilevanti, spazji kondiviżi lokali li jiffaċilitaw it-telexogħol barra mid-dar, u t-tisħiħ tal-ħiliet diġitali, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lin-nisa, filwaqt li jiġi żgurat li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-SMEs.

²⁸ Xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika.

- e) Il-promozzjoni ta' kultura, politiki u prattiki organizzattivi fost l-impjegaturi li jwasslu għall-benessri u l-produttività u li jwasslu għal avvanz fl-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u jiġġieldu kontra l-istereotipi marbuta mal-ġeneru, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' taħriġ maniġerjali u l-inkoraġġiment tal-maniġers biex jadottaw approċċ flessibbli u biex jikkunsidraw, fost l-oħrajn, il-varjetà ta' mudelli ta' xogħol u s-sitwazzjonijiet differenti tal-ħaddiema, b'mod partikolari s-sitwazzjonijiet tal-familja u s-sitwazzjonijiet tal-ġenituri waħedhom u n-nisa b'diżabilità; permezz tat-titjib tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u permezz ta' taħriġ u żvilupp tal-ħiliet fil-kuntest tat-telexogħol.
34. Jikkunsidraw l-iżvilupp ta' qafas integrat għall-kondiviżjoni ta' xogħol imħallas u xogħol ta' kura mhux imħallas fuq bażi ugwali bejn in-nisa u l-irġiel, li huwa prerekwiżit għall-parteciġazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-progressjoni fil-karriera tan-nisa. Tali qafas ikun jinkludi d-disponibbiltà ta' servizzi edukattivi u ta' kura affordabbli u ta' kwalità għolja għat-tfal u d-dipendenti, arranġamenti tax-xogħol flessibbli, tajbin għas-saħħa u raġonevoli u opportunitajiet għall-ħaddiema biex temporanjament inaqqsu jew jadattaw is-siġhat tax-xogħol tagħhom, kif ukoll tnaqqis tad-diżinċentivi finanzjarji li jinkoraġġixxu u jipperpetwaw il-kondiviżjoni inugwali ta' xogħol ta' kura mhux imħallas u xogħol imħallas bejn in-nisa u l-irġiel.
35. Ikomplu jimplimentaw miżuri effettivi biex jindirizzaw is-segregazzjoni orizzontali fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-okkupazzjonijiet fil-livelli kollha billi jippromwovu aċċess ugwali għall-oqsma edukattivi kollha u d-diversifikazzjoni tal-perkorsi edukattivi u tal-karrieri tan-nisa u l-irġiel. B'mod partikolari, jippromwovu b'mod attiv l-aċċess tal-bniet u tan-nisa għat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u jindirizzaw kwalunkwe forma ta' distakk diġitali bejn il-ġeneri, inkluż billi jtejbju l-ħiliet diġitali tal-bniet u n-nisa u jimmotivaw lill-bniet biex jagħżlu oqsma ta' studju STEM u speċjalment l-ICT.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LILL-ISTATI MEMBRI, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali tal-Istati Membri, u b'rispett għar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, biex:

36. Isaħħu l-azzjoni konkreta għall-ġlieda kontra l-inugwaljanzi strutturali bejn in-nisa u l-irġiel, inkluż is-segregazzjoni vertikali u orizzontali, u speċjalment id-disparità diġitali bejn il-ġeneri, kif ukoll id-differenzi fil-pagi u fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri, u l-kondiviżjoni inugwali ta' kompiti ta' kura u domestiċi mhux imħallsa, inkluż fil-kuntest tar-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol, il-familja u l-ħajja privata.
37. Jieħdu passi biex jipprevjenu u jiġġieldu l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, speċjalment billi jiġu protetti u emanċipati l-vittmi u s-superstiti, fosthom dawk ta' vjolenza mis-sieħeb intimu, vjolenza domestika, u vjolenza u fastidju online.
38. Jintensifikaw il-politiki dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jsaħħu l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet bħala prijorità politika, inkluż speċjalment fil-kuntest ta' politiki li jirreaġixxu għall-kriżi tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha.
39. Jiżviluppaw u jxerrdu aktar data diżaggregata skont is-sess, informazzjoni u riċerka dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż:
 - a) L-implikazzjonijiet taż-żieda fit-telexogħol għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż fil-kuntest tar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata, b'kont meħud tal-prevalenza relattiva tat-telexogħol fost in-nisa u l-irġiel, u l-impatt tal-għeluq temporanju tal-iskejjel u tal-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal, kif ukoll konfigurazzjonijiet differenti tal-unitajiet domestiċi u l-arranġamenti tax-xogħol tagħhom.
 - b) Il-firxa tas-sehem tal-irġiel li żdied fix-xogħol domestiku u f'xogħol ta' kura mhux imħallas matul il-pandemija u r-raġunijiet u l-impatt tagħha.
 - c) L-impatt tal-kriżi fuq il-mudelli tax-xogħol, inkluż il-ħinijiet tax-xogħol, l-inattività u l-interruzzjoni tax-xogħol.
 - d) It-teħid ta' liv tal-ġenituri, tal-familja u marbut mat-tfal.

40. Iwettqu riċerka dwar il-valur ta' xogħol ta' kura mhux imħallas, u fejn xieraq, jinkludu xogħol ta' kura mhux imħallas fl-analiżi makroekonomika u tas-suq tax-xogħol, kif ukoll fit-tfassil tal-politiki dwar ix-xogħol u l-impjiegi, u jiżviluppaw indikaturi addizzjonali għall-kejl tal-prestazzjoni makroekonomika inkluż xogħol ta' kura mħallas u mhux imħallas, l-ekonomija tal-kura, u d-differenzi bejn il-ġeneri fl-użu tal-ħin.
41. Jiġbru u jxerrdu prattiki tajba eżistenti għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kuntest tat-telexogħol.
42. Jieħdu passi biex jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata għan-nisa u għall-irġiel permezz ta' miżuri bħal dawn li ġejjin:
- a) Miżuri li jippromwovu l-kondiviżjoni ugwali ta' xogħol imħallas u xogħol ta' kura u xogħol domestiku mhux imħallas bejn in-nisa u l-irġiel, u li jinċentivaw lill-irġiel biex jipparteċipaw f'politiki disponibbli favur il-familja, inkluż billi jieħdu liv marbut mal-familja.
 - b) Miżuri biex jiġi żviluppat it-telexogħol u biex jiġu indirizzati l-mudelli tax-xogħol li qed jinbidlu, b'modi li jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata, inkluż pereżempju:
 - i. Ir-rieżami tal-qafas legali u regolatorju jew il-linji gwida fejn jitqies rilevanti, filwaqt li jiġi żgurat li l-SMEs ma jiġux affettwati b'mod sproporzjonat u li l-ħtiġijiet tagħhom jiġu kkunsidrati. L-aspetti rilevanti jistgħu jinkludu aktar flessibbiltà bejn ix-xogħol fl-uffiċċju u dak li jsir mid-dar; il-flessibbiltà fil-ħin, inkluż arranġamenti għal ħinijiet tax-xogħol imfassla apposta u tajbin għas-saħħa; is-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali, inkluż ir-riskji psikosoċjali u l-kunsiderazzjonijiet ergonomiċi; id-dritt għall-iskonnessjoni; liv għall-kura; ħarsien mit-tkeċċija; prattiki ta' sorveljanza u monitoraġġ; u l-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kumpens għall-irtirar mis-suq tax-xogħol fil-każ ta' eventwalitajiet marbuta mal-kura.

- ii. L-iżgurar tad-disponibbiltà ta' servizzi ta' kura ta' kwalità għolja, affordabbli, aċċessibbli u diversi, fid-dar jew barra mid-dar (esternalizzazzjoni ta' kompiti ta' kura), inkluż bit-titjib ta' infrastrutturi ta' kura ta' appoġġ (eż. servizzi għall-indukrar tat-tfal, f'konformità mal-miri ta' Barċellona, u s-servizzi għall-kura tal-anzjani), biex b'hekk jingħata rispons għal diversi domandi u sitwazzjonijiet, sabiex jiġi żgurat li l-isfida tar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-kura ma tiżdiedx minħabba t-telexogħol bi żvantaġġ għan-nisa. Jiġi żgurat li dawn is-servizzi jkunu disponibbli għall-ħaddiema kollha, inkluż it-teleħaddiema.
- 43. Jiġġieldu b'mod effettiv il-preġudizzju fis-sistemi ta' evalwazzjoni tax-xogħol u jissensibilizzaw dwar il-valur tax-xogħol ta' kura mhux imħallas u mħallas għas-sostenibbiltà tas-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna.
- 44. Ifasslu u jimplimentaw miżuri mmirati biex jiġġieldu s-sessiżmu u l-istereotipi marbuta mal-ġeneru li jirrestrinġu l-għażliet tal-bniet u s-subien u n-nisa u l-irġiel fil-perkorsi edukattivi u tal-karriera tagħhom, kif ukoll iwettqu riċerka interdixxiplinari u transsettorjali dwar in-natura tal-istereotipi marbuta mal-ġeneru u l-impatt tagħhom fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, speċjalment f'termini ta' impjieg.
- 45. F'kollaborazzjoni mal-organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw u jwettqu riċerka, janalizzaw u jieħdu miżuri adegwati biex jindirizzaw l-effetti potenzjali tat-tifqigħa tal-COVID-19 abbażi tal-ġeneru fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-karrieri u l-progressjoni tal-karriera tar-riċerkaturi, b'enfasi partikolari fuq ir-riċerkaturi nisa, l-għalliema u l-istudenti, filwaqt li jiġi rikonoxxut li r-riċerkaturi nisa fil-bidu tal-karriera tagħhom jiffaċċjaw ostakli addizzjonali.
- 46. Isaħħu azzjonijiet konkreti biex jiżguraw il-parteeipazzjoni sħiħa u ugwali tan-nisa fis-suq tax-xogħol u biex jippromwovu l-intraprenditorija tan-nisa, li huma t-tnejn prerekwiżiti għal tkabbir ekonomiku inklużiv fit-tul, għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-indipendenza ekonomika tan-nisa.

47. Jissaħħu l-miżuri biex jiżdiedu r-rwol u l-għadd ta' nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluż fil-kuntest tal-proċessi li jsawru r-rispons għall-COVID-19, u tiġi promossa r-rappreżentanza bbilanċjata tan-nisa u l-irġiel fit-teħid tad-deċiżjonijiet bħala mezz biex jiġu żgurati politiki, leġiżlazzjoni u implimentazzjoni sensittivi għall-kwistjonijiet relatati mal-ġeneri. Dan jippermetti li l-ħtiġijiet, il-perspettivi, l-għarfien u l-ħiliet tan-nisa u l-bniet jissarrfu b'mod adegwat f'politiki li jwasslu għal aktar ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u b'hekk jikkontribwixxu għal irkupru ġust u sostenibbli.
48. Jaħdmu b'mod konġunt għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż il-Prinċipji 2 u 3.
49. Jiżguraw li l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri titqies u tiġi promossa matul l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni tal-programmi ta' finanzjament rilevanti tal-UE.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA biex:

50. Tippreżenta reviżjoni tal-miri ta' Barċellona biex tissaħħaħ il-konverġenza 'l fuq fil-provvediment ta' edukazzjoni u kura ta' kwalità bikrija tat-tfal fost l-Istati Membri.
51. Tqis l-ugwaljanza bejn il-ġeneri meta tistabbilixxi l-metodoloġija għar-rappurtar tan-nefqa soċjali taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, f'konformità mar-regoli stabbiliti f'dak l-istrument, li għandhom jiġu riflessi fir-rapport ta' rieżami dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità.
52. Tevalwa u tappoġġa miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt abbażi tal-ġeneru tal-pandemija tal-COVID-19 fuq persuni li jirċievu l-kura, speċjalment il-persuni akbar fl-età, u fuq dawk li jagħtu l-kura kif ukoll fuq is-soċjetà u l-ekonomija iġġenerali, inkluż is-settur tal-kura fit-tul. Tqis l-iżvilupp ta' miżuri biex jappoġġaw il-konverġenza 'l fuq fil-provvediment ta' kura fit-tul.
53. Tikkunsidra s-sitwazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, u ssegwi approċċ ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-aspetti rilevanti kollha tas-Semestru Ewropew, f'konformità mal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi tal-2020 fejn rilevanti.
54. Tiżviluppa aktar riċerka dwar l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż permezz tal-EIGE.

JAPPELLA LILL-KUMITAT TAL-IMPJIEGI U L-KUMITAT TAL-PROTEZZJONI SOĊJALI

biex:

55. Fi ħdan il-mandati tagħhom, u fil-kuntest tal-pjan ta' azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ikomplu jinkorporaw perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-analiżi tagħhom tal-oqsma ta' politika rilevanti, inkluż meta jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha.

Filwaqt li jirrispetta b'mod sħiħ l-awtonomija tagħhom, JISTIEDEN LILL-PARTIJIET SOĊJALI:

56. Isegwu b'mod attiv l-ugwaljanza bejn il-ġeneri meta jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha, u jsaħħu l-azzjoni konkreta għall-ġlieda kontra l-inugwaljanzi strutturali bejn in-nisa u l-irġiel, inkluż is-segregazzjoni vertikali u orizzontali, u speċjalment id-distakk diġitali, kif ukoll id-differenzi fil-pagi u fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri, u l-kondiviżjoni inugwali ta' kompiti ta' kura u domestiċi mhux imħallsa, inkluż fil-kuntest tar-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol, il-familja u l-ħajja privata.
57. Ifasslu mill-ġdid Prattiki ta' telexogħol, inkluż speċjalment fir-rigward ta' ħaddiema mid-dar, u jindirizzaw xejriet tax-xogħol li qed jinbidlu bħall-kombinazzjoni ta' xogħol fl-uffiċċju u mid-dar, b'modi li jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata, fil-kuntest ta' djalogu soċjali settorjali jew fil-livell tal-kumpanniji, jew negozjati bilaterali mal-impjegatur.
58. Jippromwovu, permezz ta' negozjar kollettiv, Prattiki organizzazzjonali u kultura organizzazzjonali li jiġġieldu s-sessiżmu, il-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, inkluż il-vjolenza domestika u l-vjolenza fuq il-post tax-xogħol, u l-isterjotipi tal-ġeneri. Ifittxu li jtejbu l-benessri fuq il-post tax-xogħol u l-produttività, inkluż permezz ta' politiki u Prattiki favur l-ugwaljanza; permezz ta' taħriġ u żvilupp tal-ħiliet fil-kuntest tat-telexogħol; billi jiżguraw li t-telexogħol ikun għażla volontarja; u billi jtejbu s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.
59. Iħeġġu lill-maniġers kollha jadottaw approċċ flessibbli għat-telexogħol, filwaqt li jqisu, fost l-oħrajn, il-varjetà ta' mudelli tax-xogħol u ħtiġijiet tas-servizz, kif ukoll is-sitwazzjonijiet differenti tal-ħaddiema u l-familji tagħhom, inkluż il-ġenituri waħedhom.

Referenzi

1. L-UE - interistituzzjonali

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/social-summit-european-pillar-social-rights-booklet_mt.pdf

2. Leġiżlazzjoni tal-UE

Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi. (*ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37–43.*)

Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) (*ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23–36.*)

Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE (*ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79–93.*)

Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. (*ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17–75.*)

3. Il-Kunsill

Il-Konklużjonijiet kollha tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u suġġetti rilevanti oħra, inkluż speċjalment dawk imsemmija hawn taħt:

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Nisa u l-Ekonomija: Ir-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja bħala prekondizzjoni għal parteċipazzjoni indaqs fis-suq tax-xogħol (17816/11)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill: Nimxu lejn swieq tax-xogħol aktar inklużivi (7017/15)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill: Intejbu l-Ħiliet tan-Nisa u l-Irġiel fis-Suq tax-Xogħol tal-UE (6889/17)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Miżuri msaħħa biex tonqos is-segregazzjoni orizzontali tas-sessi fl-edukazzjoni u l-impjieg (15468/17)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill: Innaqqsu d-Differenza bejn il-Pagi tal-Irġiel u n-Nisa: Politiki u Miżuri Ewlenin (10349/19)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar L-Ekonomija tal-Benesseri (13432/19)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Ekonomiji li Jiffavorixxu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-UE: It-Triq 'il Quddiem: Nieħdu Kont ta' 25 Sena ta' Implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (14938/19)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Titjib tal-Benesseri fuq il-Post tax-Xogħol (8688/20)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar L-Indirizzar tad-Differenza bejn il-Ġeneri fil-Pagi: Valutazzjoni u Distribuzzjoni tax-Xogħol Imħallas u x-Xogħol ta' Kura Mingħajr Ħlas (13584/20)

4. It-Triju ta' Presidenzi

Dikjarazzjoni tat-Triju ta' Presidenzi dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri ffirmata mill-Ġermanja, il-Portugall u s-Slovenja (Lulju 2020)

5. Il-Kummissjoni Ewropea

Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2014/124/UE tas-7 ta' Marzu 2014 dwar it-tisħiħ tal-prinċipju ta' pagi ugwali għall-irġiel u n-nisa permezz tat-trasparenza (ĠU L 69, 8.3.2014, p. 112–116)

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2017: "Inizjattiva ta' appoġġ għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u l-persuni li jindukraw li jaħdmu" (COM(2017) 252 final)

Pjan ta' Azzjoni 2017-2019 tal-UE: L-indirizzar tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa (COM (2017) 678 final)

Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/951 tat-22 ta' Ġunju 2018 dwar standards għall-korpi għall-ugwaljanza (ĠU L 167, 4.7.2018, p. 28–35)

"Challenges in long-term care in Europe - A study of national policies 2018" (L-isfidi fil-kura fit-tul fl-Ewropa - Studju tal-politiki nazzjonali, 2018). In-Network Ewropew dwar il-Politika Soċjali.

Rapport dwar l-iżvilupp ta' faċilitajiet ta' indukrar għal tfal żgħar, bl-intenzjoni li tizzied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, jinstab bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għal ġenituri li jaħdmu u biex jinkiseb tkabbir sostenibbli u inklussiv fl-Ewropa ("l-oġġettivi ta' Barċellona") (COM(2018) 273 final)

Komunikazzjoni "Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali (2021 sa 2027) Tfassil mill-ġdid tal-Edukazzjoni għall-Era Diġitali", COM(2020) 624 final

Rapport tal-2021 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea (6774/21)

Il-Kummissjoni Ewropea. Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet ugwali għan-nisa u għall-irġiel - "*Opinion on challenges for gender equality in a rapidly ageing society*" (Opinjoni dwar l-isfidi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'soċjetà li qed tixjieħ malajr), Ottubru 2019.

Linji Gwida Komuni Ewropej dwar it-Tranżizzjoni mill-Kura Istituzzjonali għall-Kura Bbażata fil-Komunità u Sett ta' Għodod dwar l-Użu tal-Fondi tal-Unjoni Ewropea għat-Tranżizzjoni mill-Kura Istituzzjonali għall-Kura Bbażata fil-Komunità.

https://ec.europa.eu/regional_policy/mt/policy/themes/social-inclusion/desinstit/

Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025. 6678/20. (Referenza tal-Kummissjoni: COM(2020) 152 final.)

Komunikazzjoni dwar Ewropa Soċjali b'Saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti. (COM(2020) 14 final.)

Komunikazzjoni "Aġenda għall-Filiet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza" (COM(2020) 274 final)

European Commission 2020: Labour Market and Wage Developments in Europe (Kummissjoni Ewropea 2020: L-Iżviluppi fis-Suq tax-Xogħol u fil-Pagi fl-Ewropa), Analiżi Annwali 2020. (ISSN 2443-6771)

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (6649/21 + ADD 1 + ADD 2)

6. **Il-Parlament Ewropew**

Riżoluzzjoni tat-30 ta' Jannar 2020 dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri (2019/2870(RSP))

Rapport fuq inizzjattiva proprja dwar is-servizzi tal-kura fl-UE għal ugwaljanza bejn is-sessi mtejbja (2018/2077(INI))

Riżoluzzjoni tal-21 ta' Jannar 2021 dwar il-perspettiva tal-ġeneru fil-kriżi tal-COVID-19 u fil-perjodu ta' wara l-kriżi (2020/2121(INI))

7. **L-EIGE**

"L-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Konsegwenzi Soġjoekonomiċi tal-kriżi tal-COVID-19," 2021. 8878/21 ADD 1.

"Gender Equality Index 2020: Digitalisation and the future of work," (L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020: Id-diġitalizzazzjoni u l-futur tax-xogħol), 2020.

<https://eige.europa.eu/publications/gender-equality-index-2020-digitalisation-and-future-work>

"The Covid-19 pandemic and intimate partner violence against women in the EU" (Il-pandemija tal-COVID-19 u l-vjolenza minn sieħeb intimu kontra n-nisa fl-UE) – 2021.

"Covid-19 and gender equality" (Il-Covid-19 u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri)

<https://eige.europa.eu/covid-19-and-gender-equality/essential-workers>

8. L-Eurofound

"Striking a balance: Reconciling work and life in the EU" (Insibu bilanċ: Ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-hajja privata fl-UE), 2019.

https://www.eurofound.europa.eu/sites/default/files/ef_publication/field_ef_document/ef18065en.pdf

"Living, working and COVID-19 dataset" (Sett ta' data dwar l-għajxien, ix-xogħol u l-COVID-19), Dublin, <http://eurofound.link/covid19data>

"Covid-19: Policy responses across Europe," (Covid-19: Risposti ta' politika madwar l-Ewropa), 2020.

"Living, working and Covid-19," (L-għajxien, ix-xogħol u l-Covid-19), sensiela dwar il-Covid-19, 2020. <https://www.eurofound.europa.eu/publications/report/2020/living-working-and-covid-19>.

"Long-term care workforce: Employment and working conditions," (Il-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura fit-tul: Impjiegi u kundizzjonijiet tax-xogħol), 2020.

https://www.eurofound.europa.eu/sites/default/files/ef_publication/field_ef_document/ef20028en.pdf.

"Regulations to address work–life balance in digital flexible working arrangements," (Regolamenti li jindirizzaw il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata f'arranġamenti tax-xogħol flessibbli diġitali), Sensiela dwar forum ġodda ta' impjiegi, 2020.

"Telework and ICT-based mobile work: Flexible working in the digital age," (It-telexogħol u x-xogħol mobbli bbażat fuq l-ICT: Xogħol flessibbli fl-era diġitali), Sensiela dwar forum ġodda ta' impjiegi, 2020

https://www.eurofound.europa.eu/sites/default/files/ef_publication/field_ef_document/ef19032en.pdf

"Women and labour market equality: Has COVID-19 rolled back recent gains?," (In-nisa u l-ugwaljanza fis-suq tax-xogħol: Il-COVID-19 reggħet lura l-kisbiet reċenti?), 2020.

"Platform economy: Developments in the COVID-19 crisis," (Ekonomija tal-pjattaforma: Żviluppi fil-kriżi tal-COVID-19), 2020. <https://www.eurofound.europa.eu/data/platform-economy/dossiers/developments-in-the-covid-19-crisis>

"Labour market change: Trends and policy approaches towards flexibilisation, Challenges and prospects in the EU series," (Bidla fis-suq tax-xogħol: Xejriet u approċċi ta' politika għall-flessibilizzazzjoni), Sensiela dwar l-isfidi u l-prospetti fl-UE, 2020.

9. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

"It-telexogħol u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri – kundizzjonijiet sabiex it-telexogħol ma jaggravax id-distribuzzjoni inugwali bejn in-nisa u l-irġiel fir-rigward tal-kura domestika u tax-xogħol domestiku mhux imħallsin u sabiex jixpruna l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri." SOC/662-EESC-2020.

10. In-Nazzjonijiet Uniti

Id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (aġenda tan-NU għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa)

Il-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW)

L-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SGD) 5.4 tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli

Il-Konvenzjoni Nru 100 tal-ILO (Remunerazzjoni Ugwali), 1951

Il-Konvenzjoni tal-ILO dwar xogħol deċenti għall-ħaddiema domestiċi tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (Konvenzjoni Nru 189), 2011

Ir-rapport tal-ILO "Care work and care jobs for the future of decent work" (Ix-xogħol ta' kura u l-impjiegi ta' kura għall-futur ta' xogħol deċenti), 2018.

http://ilo.org/global/publications/books/WCMS_633135/lang--en/index.htm

Rapport tal-ILO "Global Wage Report 2020-21: Wages and minimum wages in the time of COVID-19", (Ir-Rapport 2020-2021 dwar il-Pagi fid-Dinja: Pagi u pagi minimi fi żmien il-COVID-19), 2020.

https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---dgreports/---dcomm/---publ/documents/publication/wcms_762534.pdf

In-Nazzjonijiet Uniti: Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, New York, 13 ta' Diċembru 2006, Sensiela tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, vol. 2515, Nru 44910, p. 3

11. Oħrajn

L-OECD, "Women in the core of the fight against Covid-19 crisis" (In-nisa fl-eqqel tal-ġlieda kontra l-kriżi tal-COVID-19), Risposti ta' Politika tal-OECD għall-Coronavirus (Covid-19). Verżjoni tal-1 ta' April 2020

<https://www.oecd.org/coronavirus/policy-responses/women-at-the-core-of-the-fight-against-covid-19-crisis-553a8269/#biblio-d1e2093>.

Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec (2019)1 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra s-sessiżmu.
